# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 127/2015/VG**

**Alexia DEMICOLI**

**Vs**

**Kunsill Malti ghall-iSport**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-18 ta' Frar, 2015** u li permezz taghha talbet lill-Kunsill intimat jhallasha s-somma ta' elfejn euro [€2,000] u dan wara li ppremettiet hekk:

> L-attrici kellha kuntratt tal-impjieg li jistipula "performance bonus" li l-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu skond l-istess kuntratt.
>
> Dan kollu spjegat fid-dokumenti A-L annessi.

L-ammont mitlub ma jmurx oltre €3,000 u hu stmat li ghandu jkun €2,000 (elfejn euro).

**Ra r-risposta tal-Kunsill intimat minnu pprezentata fid-9 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess, u dang has-segwenti ragunijiet:

1. Li in linea preliminari, dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma u jiddeciedi t-talba odjerna ai termini tal-artiklu 75 (1) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, liema kompitu jaqa taht it-Tribunal Industrijali.

2. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, ir-rikorrenti fil-fatt inghatat performance bonus li kien korrett u gust;

3. Li wkoll minghajr pregudizzju u subordinatament, ir-rikorrenti accettat u sarfet il-performance bonus moghti lilha u ma kkontestatux;

4. Li wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ghottjien u l-quantum ta' dan il-performance bonus jaqa fid-diskrezzjoni tal-kunsill esponent kif jidher fl-artikolu 8 tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti ezebit minnha stess u mmarkat Dok. B;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-27 ta' Ottubru, 2015 fejn l-Avukat Dottor Peter Fenech ddikjara li l-Kunsill intimat ma kienx qieghed jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Ra l-verbal datat 27 ta' Ottubru, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob l-hlas, minghand il-Kunsill intimat, tas-somma ta' elfejn euro [€2,000] rappresentanti *performance bonus* li kellu jithallas lilha skond il-kuntratt ta' impjieg datat 2 ta' Jannar, 2013.

2. Il-Kunsill intimat laqa' ghal din it-talba tar-rikorrenti billi qal li in linea preliminari, dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma u jiddeciedi t-talba odjerna ai termini tal-artiklu 75 (1) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, liema kompitu jaqa taht it-Tribunal Industrijali. Zied ighid ukoll li minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, ir-rikorrenti fil-fatt inghatat *performance bonus* li kien korrett u gust u li hi kienet accettat u sarfet il-*performance bonus* moghti lilha u ma kkontestatux. Finalment, il-Kunsill intimat qal li l-ghoti u l-*quantum* ta' dan il-*performance bonus* jaqa fid-diskrezzjoni tieghu u dan kif jidher fl-artikolu 8 tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti.

Ikkunsidra;

3. Il-paragrafu tmienja (c) tal-kuntratt ta' impjieg jaqra hekk:

   "*A performance bonus not exceeding fifteen per cent (15%) of the Employee's agreed annual salary declared in clause 8 above, payable at the end of each period of twelve (12) calendar months. The Chief Executive Officer shall determine the actual amount to be paid as a performance bonus at his discretion after discussion with the Board of Directors and based on the achievement of specific, pre-determined targets which are to be set yearly by agreement between the Parties*" (fol. 4).

4. **Ir-rikorrenti** bdiet biex tghid li fit-2 ta' Jannar, 2013 hija kienet iffirmat kuntratt ta' impjieg mal-Kunsill intimat. Qalet li skont dan il-kuntratt hija kellha tiehu sa massimu ta' 15% bhala *performance bonus*. Ziedet tghid li hija ghamlet sena tahdem mal-Kunsill intimat "*u allura nghid illi Ghandi dritt nithallas dawk il-hmistax fil-mija (15%) bhala performance bonus*" (fol. 37). Qalet li meta kienet baghtet l-ittra ta' rizenja taghha hija ghamlet il-*claim* taghha ghal *performance bonus*. Qalet li hija kull ma kienet irceviet kien *payslip* u cekk u had ma semmielha l-kwistjoni tal-*performance bonus*. Qalet li "*minn dan ic-cekk jirrizulta li jiena effettivament inghatajt performance bonus pero ta' madwar tlieta (3) jew erbgha fil-mija (4%)*" (fol. 37-38).

   Kompliet tghid li hekk kif appena irceviet ic-cekk, hija kienet kellmet lil Kap Ezekuttiv, Colin Calleja li kien qalilha verbalment li huwa kien irrakkomanda lill-Kunsill intimat jaghti lir-rikorrenti l-ammont ta' 12% bhala *performance bonus*. Hija ghamlet referenza ghal *email* mibghuta mill-imsemmi Colin Calleja lil Joe Cassar, board secretary tal-Kunsill intimat u li ggib id-data 18 ta' Jannar, 2014 fejn fiha nghad hekk: "*As per Ms Demicoli's contract as Personal Assistant to the Chief Executive Officer, Ms Demicoli is entitled up to a maximum of 15% performance bonus. In this respect, and based on my appraisal of Ms Demicoli's tasks and responsibilities, my recommendation to the Chairman and Board of Directors is for a 12% performance bonus*" (fol. 20).

Ziedet tghid li la c-Chairman u lanqas il-Bord tad-diretturi ma qatt iltaqaw maghha jew mal-Kap Ezekuttiv biex jiddiskutu l-kwistjoni tal-*performance bonus* maghha u "*kienet id-decisjoni taghhom unilaterali li jaghtuni bejn tlieta (3) u erbgha (4) fil-mija bhala performance bonus*".

5. **Colin Calleja**, li kien il-Kap Ezekuttiv tal-Kunsill intimat bejn Dicembru, 2012 u Marzu 2014. Ir-rikorrenti kienet l-assistenta personali tieghu. Huwa qal li biex wasal ghal konkluzzjoni tieghu kif riportata fl-*email* li hem a fol. 20 tal-process, huwa mexa fuq il-*list of duties* li kellha r-rikorrenti fil-kuntratt fil-bidu tal-hatra taghha. Din il-lista u l-marki ta' l-*appraisals* jinsabu riportati a fol. 21 tal-process. Zied ighid li "*l-performance bonus tar-rikorrenti u tal-heads l-ohra li kienu jaqghu tahti kienu gew diskussi mill-Bord tad-Diretturi wara insistenza da parti tieghi u rigward tar-rikorrenti jiena nghid li jiena kont bghadt email lil Joe Cassar u li tinsab ezebita a fol. 20 tal-process*" (fol. 39).

   Qal li mill-minuti tal-laqgha tal-bord tad-diretturi li kienet inzammet fis-27 ta' Jannar, 2014 irrizulta li kienu "*decizi l-performance bonuses ta' diversi heads ohra li kienu jaqghu that izda tar-rikorrenti ma kienx gie deciz u dan peress illi skont il-membri tal-Bord huma kienu rcevew xejn minghandi*" (fol. 39).

   Fid-19 ta' Frar, 2014 huwa reggha baghat din l-*email* u kompla jghid li "*sirt naf li kienet ittiehdet decizjoni dwar il-performance bonus tar-rikorrenti peress illi r-rikorrenti stess kienet qaltli illi kienet irceviet cekk id-dar*" (fol. 39). Sahaq li mieghu l-Bord tad-diretturi qatt ma kkomunika mieghu dwar il-*performance bonus* tar-rikorrenti. Qal li ma jafx l-ghala kien hemm dan id-distakk bejn dak li kien irrakkomanda hu u dak li effettivament taw lir-rikorrenti l-bord tad-diretturi. Qal li ppretenda li l-bord jikkomunika mieghu ghar-rigward tal-*performance bonus* tar-rikorrenti u dan peress li kif diga qal hija kienet l-assistenta personali tieghu u hafna mix-xoghol tieghu kien relatat fl-ufficju tieghu.

In kontro-ezami huwa qal li ma jaqbilx mal-fatt li huwa kellu jirrakomanda u jiddiskuti mal-Bord tad-diretturi il-*performance bonus* tar-rikorrenti. Huwa qal li l-metodu korrett huwa dak li hemm miktub fil-kuntratt tar-rikorrenti u mhux kif mexa l-bord. Huwa esebixxa ukoll dokument li gie mmarkat bhala dok. CC 1 (fol. 41) li huwa addendum ghall-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti. Qal li dan l-addendum kien qabel mieghu c-*chairman* precedenti Jonathan Barbara.

6. **Dr. Luciano Busuttil** qal li huwa ilu jokkupa l-kariga ta' Chairman minn Ottubru, 2013. Qal li hu u l-bord tad-diretturi kienu ddiskuttew l-*performance bonus* li kien jisthoqqilha r-rikorrenti. Biex waslu ghal din id-decizjoni huma hadu in konsiderazzjoni diversi fatturi. Huwa qal li kien talab lis-segretarju tal-bord tad-diretturi sabiex isiblu *pre determined targets* li kienu gew approvati mill-bord u li kellha taghmel ir-rikorrenti. Is-segretarju da parti tieghu qalli ma kien irrizultalu xejn. B'referenza ghad-dok. CC 1 huwa qal li dak id-dokument jikkontjeni l-*job description* tar-rikorrenti u xejn aktar. Huwa qal li kien irrizultalu ukoll li r-rikorrenti kienet qeghda tattendi kors l-Universita waqt il-hin tax-xoghol. Dokument li jawtorizza lir-rikorrenti taghmel dan huma ma sabux u li din kienet wahda mir-ragunijiet l-ghala huma naqsu l-*performance bonus* minn dak suggerit mill-kap ezekuttiv. Qal ukoll li r-rikorrenti bdiet tahdem f'Marzu 2013 u spiccat f'Jannar, 2014 u allura ma kienx hemm sena biex wiehed jiehu in konsiderazzjoni.

In kontro-ezami huwa qal li bhala chairman huwa ma kellhu l-ebda kuntatt mar-rikorrenti. Mistoqsi mit-Tribunal, kif waslu ghad-decizjoni taghhom dwar il-*performance* tar-rikorrenti meta ma kienux instabu *targets* huwa qal li huwa kien jaf li r-rikorrenti kienet qeghda taghmel x-xoghol izda ma kellhomx *pre-determined targets*. Qal li kieku kien hemm dawn il-*pre-determined targets* u l-kap ezekuttiv kien jghidlu li r-rikorrenti lahqet dawn it-*targets* huwa ma kien ikollu l-ebda problema sabiex ihallas dak l-ammont. Stqarr li "*ahna tajna l-ammont li tajna lir-rikorrenti billi uzajna d-*

*diskrezzjoni taghna*" (fol. 47). Zied ighid li flok ma tawha xejn l-ghaliex ma kienx hemm *pre-determined targets*, peress li hadmet, huma dehrilhom li kellha tiehu xi haga. Din kienet ir-raguni l-ghala ma mxewx fuq ir-rakkomandazzjoni tal-kap ezekuttiv. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-kap ezekuttiv kien ta l-permess lir-rikorrenti sabiex hija tattendi ghal kors gewwa l-Universita huwa wiegeb fin-negattiv u li hu qatt ma qallu xi haga f'dan ir-rigward. Mistoqsi jekk huma kienux raw id-dokumenti riportati a fol. 9 u 10 tal-process, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. L-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill intimat hija fis-sens li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma u jiddeciedi t-talba odjerna ai termini tal-artiklu 75 (1) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, liema kompitu jaqa taht it-Tribunal Industrijali. Fil-verbal tas-27 ta' Ottubru, 2015, id-difensur tal-Kunsill intimat ddikjara li l-Kunsill intimat ma huwiex jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu. Din hija eccezzjoni ta' ordni pubbliku u anke jekk jaqblu l-partijiet li ma tigiex trattata minnu, it-Tribunal xorta wahda huwa obbligat li jara li dan il-kaz jaqa fil-gurisdizzjoni tieghu. L-artikolu 75(1) tal-Kap. 452 jghid li:

75. (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –

(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u

(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fitTrasport

Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att.

8. It-Tribunal, wara li ra l-Att hawn fuq imsemmi, jara li dan mhux kaz li jaqa taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija ex contractu u bhala tali sindikabbli mit-Tribunal[1].

9. Fil-mertu l-Kunsill intimat qal li r-rikorrenti fil-fatt inghatat *performance bonus* li kien korrett u gust u li hija sarfet ic-cekk li kien intbaghtilha u ma kkontestatux. Qal ukoll li l-ghoti u l-quantum ta' dan il-*performance bonus* jaqa fid-diskrezzjoni tieghu u dan kif jirrizulta mill-artikolu 8 tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti.

10. Jibda biex jinghad li t-tielet eccezzjoni tal-kunsill intimat ma tregiex. Il-fatt li r-rikorrenti ntavolat dawn il-proceduri huwa bizzejjed biex juri li hija ma kienitx qablet ma' l-ammont stabbilit mill-bord tad-diretturi bhala l-ammont dovut lilha ghall-*performance bonus*. Ghalhekk, din l-eccezzjoni tieghu qeghda tigi michuda.

11. L-artikolu 8 (c) tal-kuntratt ta' impjieg datat 2 ta' Jannar, 2013

"*A performance bonus not exceeding fifteen per cent (15%) of the Employee's agreed annual salary declared in clause 8 above, payable at the end of each period of twelve (12) calendar months. The Chief Executive Officer shall determine the actual amount to be paid as a performance bonus at his discretion after discussion with the Board of Directors and based on the achievement of specific, pre-determined targets which are to be set yearly by agreement between the Parties*" (fol. 4).

12. Fit-trattazzjoni, d-difensur tar-rikorrenti sahaq li "*ic-chief executive officer ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu, l-kuntratt jirreferi ghar-*

---

[1] Ara per ezempju, **Charichelon Company Limited [C-14614] vs Amanda Greaves** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Frar, 2014 (Avviz Numru. 309/2013/CSH) u **Karmenu Vella vs General Workers Union** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Novembru, 2011 (App. Nru. 774/2009/1);

*rakkomandazzjonijiet tac-Chief Executive Officer ma jaghti ebda diskrezzjoni l-hadd iktar hliefu u ghalhekk il-Bord tad-diretturi tal-Kunsill ma kellu ebda diskrezzjoni jew dritt illi jiehu xi passi punittivi kontra l-klijenta tieghi meta din ghamlet dak li kien hemm bzonn biex ic-CEO jezercita d-diskrezzjoni tieghi*" (fol. 92). Id-difensur tal-Kunsill intimat ma qabilx u qal li "*huwa car li filwaqt li c-Chief Executive Officer tajjeb jiddetermina l-ammont li l-opinjoni tieghu ghandha tithallas at his discretion id-decizjoni ahharija skont din il-klawsola hija tal-bord tad-diretturi*" (fol. 94).

13. Hija l-fehma tat-Tribunal li l-*performance bonus* tar-rikorrenti huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-kap ezekuttiv <u>wara</u> li dan ikun iddiskuta mal-bord tad-diretturi <u>u</u> bbazzat fuq is-success ta' *pre-determined targets* li ghandhom jigu stabbiliti kull sena bi ftehim bejn il-partijiet. Jigifieri, l-kap ezekuttiv ghandu jiddiskuti mal-bord tad-diretturi dan il-performance bonus. Wara li l-kap ezekuttiv ikun iddiskuta mal-bord imbaghad hija fid-diskrezzjoni tieghu li jiddeciedi l-ammont li kellha tithallas ir-rikorrenti. Il-bord tad-diretturi, fil-fehma tat-Tribunal ma kellhu l-ebda awtorita sabiex jiddeciedi hu. Ir-rwol tieghu kien li jiddiskuti mal-kap ezekuttiv jekk ir-rikorrenti lahqitx il-*pre-determined targets* u wara li jigu diskuss dan, imbaghad il-kap ezekuttiv jiddeciedi l-ammont li ghandu jithallas lir-rikorrenti.

14. Jirrizulta li l-kap ezekuttiv Colin Calleja kien baghat *email* lis-segretarju tal-bord tad-diretturi Joe Cassar datata 18 ta' Jannar, 2014 (fol. 9) u li fiha kien qal li huwa kien qieghed jirrakkomanda lic-*chairman* u lil bord tad-diretturi li r-rikorrenti tiehu *performance bonus* ta' 12%. Ma din l-email kien hemm anness id-dokument esebit a fol. 10. Dawn iz-zewg dokumenti, skond ma jirrizulta mix-xhieda tac-chairman tal-Kunsill intimat Dr. Luciano Busuttil, il-bord u hu kienu rawhom. Minkejja dan, il-bord ma qabilx ma din ir-rakkomandazzjoni u ghadda huwa stess sabiex jistabilixxi ammont. Dan ma kienx fil-mansjonijiet tal-bord tad-diretturi. Il-bord tad-diretturi kellhu jiddiskuti mal-kap ezekuttiv u jghid l-ghala huwa ma kienx qieghed jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tieghu u imbaghad kien jispetta lill-kap ezekuttiv,

fid-diskrezzjoni assoluta tieghu sabiex jiddeciedi l-ammont ta' kumpens dovut lir-rikorrenti. Ghalhekk, ir-raba eccezzjoni tal-Kunsill intimat qeghda tigi michuda.

15. Dan ifisser li l-ammont stabbilit mill-bord tad-diretturi tal-kunsill intimat ma jista qatt ikun gust u korrett skond ma jghid fit-tieni eccezzjoni tieghu.

16. It-Tribunal sejjer jimxi fuq l-*email* datata 18 ta' Jannar, 2014 (fol. 10), qed jiehu in konsiderazzjoni tal-fatt li r-rikorrenti ma ghamlitx sena fl-impjieg kif gustament irrileva c-chairman tal-kunsill intimat Dr. Luciano Busuttil u ta' l-ammont diga moghti lilha ta' €807.40c (fol. 14). Mill-ittra li tinsab esebita a fol. 23 tal-process jirrizulta li r-rikorrenti sarfet dan ic-cekk minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha. Il-paga basika tar-rikorrenti kienet ta' €23,422 fis-sena. Tnax fil-mija (12%) ta' dan l-ammont jigi €2810.64c li jfisser €234.22 fix-xahar. Ir-rikorrenti ghamlet bejn Marzu, 2013 u Jannar 2014 tahdem mal-Kunsill intimat u allura ghaxar (10) xhur. €234.22 multiplikat b'ghaxra (10) jigi l-ammont ta' €2342.20c. Jekk tnehhi l-ammont ta' €807.40c minn dan l-ahhar ammont jigi l-ammont ta' €1534.80c. Huwa dan l-ammont li huwa dovut lir-rikorrenti mill-Kunsill intimat u konsegwentement it-talba tar-rikorrenti kif ridotta ghandha tintlaqa.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jichad l-ewwel eccezzjoni tal-kunsill intimat dwar il-gurisdizzjoni tieghu;

2. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet tal-kunsill intimat;

3. Jilqa in parti t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-kunsill intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf hames mija u erbgha u tletin euro u tmenin centezmi ta' euro [€1,534.80c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont millum sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-kunsill intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**